MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 874/1993/1

**Carmel Vella**

**Vs**

**Joseph Micallef**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ppremetta illi:

Peress illi fl-10 ta` Settembru, 1992, l-attur kien fuq xgholu jaghti l-petrol lill-vetturi mill-pompa tal-petrol tal-Velga Bros. Limited li tinsab gewwa Bajada Street Zabbar.

U peress illi f'hin minnhom, waqt li l-attur kien qed jaghti l-petrol lil wahda mill-vetturi, dahlet fejn il-pompa tal-petrol vettura Honda Van H-6024 misjuqa mill-konvenut l-imsemmi Joseph Micallef, li baqghet diehla ghal go l-attur.

U peress illi bhala konsegwenza tal-incident fuq imsemmi, l-attur garrab korriment ta' natura gravi u sofra disabilita permanenti;

U peress illi l-incident gara tort tal-konvenut minhabba traskuragni, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

U peress illi l-konvenut, interpellat anke ufficcjalment biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni risultanti mill-incident fuq imsemmi, baqa inadempjenti;

Jghid ghalhekk il-konvenut in vista tal-premess ghaliex ma ghandiex din l-Onorabbli Qorti;

Tiddikjarah responsabbli tal-incident tal-10 ta' Settembru, 1992, li permezz tieghu l-attur sofra disabilita permanenti u ghad-danni konsegwenzjali.
1. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorendo bl-opra ta` periti nominandi.

2. Tikkundannah ihallas is-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta lill-attur in linea ta' danni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Mejju, 1993 u tal-ittra bonarja tal-25 ta' Mejju, 1993, kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol.. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol..8 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-incident li sehh fl-10 ta' Settembru 1992 fil-pompa tal-petrol li tinsab f'Bajada Street, Zabbar u li fih korra l-attur ma garax tort tal-eccipjenti izda gara

unikament tort tal-istess attur u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort tal-attur l-ebda ammont m'ghandhu jigi mhallas lill-istess attur bhala danni risultanti minn dan l-istess incident.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet a fol. 11 li bih gie nominat Dr. Tonio Mallia u l-Professur Victor Griffiths bhala esperti;

Rat id-digriet a fol. 146 li bih gie nominat Mr. F. Zammit Maempel biex jezamina lill attur;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali a fol. 136 li rrelata fuq ir-responsabilita' biss;

Rat ir-rapport mediku a fol. 157 tal Profs V. Griffiths u ta' Mr. Zammit Maempel;

Rat in-nota a fol. 145 li biha l-attur hassu aggravat bir-rapport tal-periti medici u talab nomina ta' periti addizzjonali;

Rat id-digriet a fol. 161 li bih gew nominati l-periti addizzjonali;

Rat ir-relazzjoni taghhom a fol. 176;
Rat id-degriet a fol. 201 li bih il-Qorti ordnat li jsir ezami bl-MRI lill attur;

Semghet lill Mr. Charles Grixti jixhed dwar l-ezami li sar;

Rat iz-zewg noti ta' l-attur a fol. 217 u 243;

Rat in-nota tal-konvenut a fol. 250.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi dina l-kawza tirrigwarda incident li gara fil-*petrol station* proprjeta' ta' l-attur u fejn l-istess attur kien jahdem. Hu intlaqat b'mera ta' van meta dina dahlet fil-*petrol station* waqt li l-attur kien qed jaghti l-*petrol* lill karozza ohra.

Il-Perit legali li gie nominat minn dina l-Qorti biex jirrelata dwar ir-responsabilita' ghall incident wasal ghall konkluzzjoni li l-versjoni ta' l-attur kienet aktar verosimili u sostnuta mill-provi prodotti u l-versjoni tal-konvenut u tax-xhud tieghu wriet diversi inkonsistenti u ma kienitx sorretta mill-provi cirkostanzjali. Inoltre l-perit legali sostna li fil-kaz partikolari meta si tratta ta' *petrol station* kien l-obbligu ta' sewwieqa ta' vetturi li meta jidhlu fli - *station* dawn izommu l-massima prudenza fis-sewqan u jidhlu bil-mod kemm jista' jkun billi wiehed jistenna li f'*petrol station* ikun hemm haddiema qed jaqdu n-nies u mohhom ikun principalment fuq ix-xoghol li jkunu qed jaghmlu u mhux li joqghodu jharsu ghal traffiku u ghall karozzi li jkunu dehlin u hergin. Hu obbligu tas-sewwieqa tal-vetturi li jaccertaw ruhhom li meta jidhlu hemmhekk huma jaraw li jaghmlu hekk bl-akbar sikurezza ghalihom u ghal haddiema li jkunu qed jahdmu. Ghalhekk is-sottomissjoni tal-konvenut li l-attur ma kienx qed izomm *proper look out* ma tregiex f'dawn ic-cirkostanzi partikolari ta' fejn gara l-incident.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat il-provi prodotti tasal biex taqbel mal-konkluzzjoni tal-perit legali li t-tort kien tal-konvenut u taghmilha taghha.

**Danni**

Kwantu ghall danni reklamati mill-attur jidher li ma hemmx kontestazzjoni fuq id-*damnum emergens* fl-ammont ta' Lm409. Lanqas ma jidher li gie kontestat li l-attur tilef paga fl-ammont ta' Lm1,850.

Il-kontestazzjoni tal-konvenut f'dan ir-rigward hija li l-attur fil-fatt ma bata ebda dizabilita' permanenti kif del resto ddikjaraw Mr. F. Zammit Maempel u Profs V. Griffiths fir-rapport taghhom. Il-Qorti kienet ukoll innominat tlett tobba

ohra biex jezaminaw lill attur u dawn sabu li l-attur sofra dizabilita' permanenti ta' 5%.

Illi l-ewwel zewg tobba kienu kkonkludew li mill ezamijiet li ghamlu rrizultalhom li l-ksur ma kienx spustjat u li kollox kien ghaqad. L-ezami taghhom ma wera ebda xhieda oggettiva li tfehem ir-raguni ta' restrizzjoni fil-moviment ta' spaltu (ta' l-attur) x-xellugija jew ta' ghonqu. L-ezami wera sejbiet klinici bhal ma huma nuqqas ta' muskolli mixrubin f'kaz ta' driegh mhux uzat ghal snin, nuqqas ta' sensazzjoni li ma jsegwix forma anatomika, ugiegh mferrex fuq dsatax ir-rukkell u l-wiesgha ta' daharu. Flimkiien ma X Rays, CTScan u EMG normali, dawn is-sejbiet klinici jissuggerixxu etjologija soggettiva. Id-dehra ta' bidu ta' artrite fl-ghonq ma tghatix la s-sintomi u lanqas ir-restrizzjoni misjubin fl-ezami.

Il-Periti addizzjonali kkonfermaw dak li sabu dawn iz-zewg esperti u cjoe li ma sabu l-ebda evidenza oggettiva ghaliex is-sur Vella jilmenta minn dawn is-sintomi kollha. Minn naha l-ohra qalu pero' li jekk ilu dawn is-snin kollha b'ghonqu mghawweg it-tessuti rotob jistghu jiehdu dik il qaghda u l-posizzjoni ssir permanenti. Sahansitra jekk jiehdu MRI issa ma jahsbux li jkun ta' hafna ghajnuna (kif fil fatt gara meta sar l-MRI).

Il-Qorti hi tal-fehma li, fil-kaz in ezami fejn l-esperti kollha sabu nuqqas ta' evidenza oggettiva ta' x'qed jikkawza n-nuqas ta' moviment mill-attur, hi m'ghandiex taccetta konkluzzjoni wahda u mhux ohra u ghalhekk hi ta' l-opinjoni li ghandha tadotta grad ta' dizabilita' ta' 3% u mhux 5% billi fil-kaz in ezami jkun aktar gust u ekwu (ara l-kaz M. Mifsud vs K. Agius App Inf JSP 5/10/94 fejn il-Qorti kienet ghazlet grad ta' dizabilita differenti minn dak li gie stabilit minn diversi esperti nominati mill-Qorti).

Il-konvenut ukoll mhux qed jaqbel fuq id-dhul annwali li l-attur indika fl-ammont ta' Lm3,947.40 billi z-zieda li tinghata mhiex dika kif indikata mill-attur. Il-Qorti fuq dana l-punt toqghod fuq l-ewwel figura li semma l-attur ta' Lm2,457.40

Dwar il-*multiplier* il-Qorti hi tal-fehma li f'dana l-kaz fejn l-attur kellu 31 sena meta gara l-incident, ghandu japplika *multiplier* ta' 25 sena u mhux 30 kif qed jitlob l-attur u dana a bazi tal-principji li ser jinghadu.

Illi l-principji stabbiliti fil-kawza "Michael Butler vs Peter Christopher Heard" (App.Civ. 22 ta' Dicembru 1967) gew aggustati ghaz-zminijiet ricenti billi "ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu" (ara Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et App. Civ. 16 ta' Novembru 1983)

Ghar-rigward tal-*multiplier* applikat ghall-kuncett tal-*working life expectancy* tal-vittma fejn qabel ic-*ceiling* qatt ma kien jecceddi l-20 sena, llum bis-sentenza "Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine" (App. 26 ta' Lulju 1991) is-sitwazzjoni tbiddlet u m'hemmx dan il-limitu impost u l-*multiplier* gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta' tal lum, u aspettattiva iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.

Ghalhekk ghandu jkun hemm certa elasticita' ta' kriterju ghaliex il-sentenza tkun bazata fuq probabilita' u d-danneggjat jkun qed jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b'sentenza mhix aktar soggetta ghall-revizzjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta.

Illi fil-kawza fl-ismijiet "Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Marzu 1986 intqal illi "In-numru ta' snin adottat bhala *multiplier* m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni ic-*chances and changes* tal-hajja". Is-sistema tal-*multiplier* ma jaccettax li ghandu jittiehed konsiderazzjoni li kull min hu b'sahhtu hu mistenni li jibqa' jahdem sa 60 sena jew sad-data tal-pensjoni izda tirrikjedi li tenut kont ta' l-eta' tal-mejjet u fatturi ohrajn minhabba diversi kontingenzi tal-hajja ( App Bugeja vs Agius 26/7/91 ; PA

Caruana vs Gatt 23.2.93 ; Cassar vs Buhagiar PA 1.3.92). *The multiplier will be less than the average working life expectancy of a person. The multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might not have earned that income* ( P.A. Scerri vs Cesareo 27.1.77).

Kwantu ghall riduzzjoni minhabba l-*lump sum payment* il-Qorti tiddeciedi li f'dan il-kaz m'ghandu jkun hemm l-ebda tnaqqis billi l-incident gara fil-1992 u l-kawza bdiet fil-1993 u se tinqata' fil-Prim Istanza fit-2005. (ara sentenzi App Agius vs Fenech 29/10/03 u PA JSP Xuereb vs Xuereb 5/10/95).

Lm2,457.40 x 25 x 3% = Lm1,843.00

*Damnum Emergens* Lm4,09.00 + Lm1,850
*Lucrum Cessans* Lm1,843 .00
Total Lm 4,102.00

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur;
Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur bhala rizultat ta' dan l-incident fl-ammont ta' erbat elef mija u zewg liri Maltin (Lm4,102);
Tikkundanna lill konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata;
spejjez ghall-konvenut.
Bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------